

Brussell, 20 ta' Novembru 2015
(OR. fr)

14188/15

Fajl Interistituzzjonali:
2011/0901B (COD)

CODEC 1529
JUR 731
COUR 61
INST 408

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll Nru 3 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (It-tieni qari) - Approvazzjoni tal-emendi tal-Parlament Ewropew (AL + D)

1. Fl-4 ta' April 2011, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bagħtet lill-Kunsill it-talba biex jiġi emendat l-Istatut tal-Qorti¹, abbażi tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 254, u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 tat-TFUE u l-Artikolu 106(a)(1) tal-KEEA.
2. Il-Kummissjoni tat l-opinjoni tagħha fit-30 ta' Settembru 2011².
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-15 ta' April 2014³.
4. Fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁴ u bagħatha lill-Parlament Ewropew flimkien mad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet.

¹ dok. 8787/11.
² dok. 14769/11.
³ dok. 8509/14.
⁴ dok. 9375/15 REV 1.

5. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni⁵, saru kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fit-tieni qari.
6. Waqt is-seduta tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2015, il-Parlament adotta, fit-tieni qari, żewġ emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. Dawn l-emendi jirriflettu l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-erba' Istituzzjonijiet u għaldaqstant għandhom ikunu aċċettabbli għall-Kunsill⁶.
7. Il-Kummissjoni tat l-opinjoni tagħha dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew fit-12 ta' Novembru 2015.
8. Konsegwentement, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar dawn l-emendi kollha u jissuġġerixxi lill-Kunsill:
 - japprova, bl-astensjoni tad-delegazzjoni Belġjana u d-delegazzjoni Netherlandiża kif ukoll bil-vot kontra tad-delegazzjoni tar-Renju Unit, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, l-emendi tal-Parlament Ewropew li jinsabu fid-dokument 13344/15, kif jidhru, wara r-reviżjoni mill-Ġuristi-Lingwisti, fid-dokument PE-CONS 62/15;
 - jiddeċiedi li fil-minuti ta' din is-sessjoni jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-Addenda 1 u 2 għal din in-nota;
 - jiddeċiedi li jippubblika d-dikjarazzjoni li tinsab fl-Addendum 1 f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Bħala riżultat tal-approvazzjoni tal-emendi tal-Parlament Ewropew mill-Kunsill, ir-Regolament jitqies bħala adottat fil-forma tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari hekk emendata, f'konformità mal-Artikolu 294(8)(a) tat-TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislativ għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁵ ĠU C 145, 30/06/2007, p. 5.

⁶ dok. 13344/15.